ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**Minuti tal-451 laqgħa tal-Kunsill li saret**
**nhar it-Tnejn 15 ta' Ġunju, 2015**

Il-laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur John J Pace is-Sur Joseph Agius, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur Joseph Bonnici u s-Sinjura Anna Calleja.

Is-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa fis-6.07 ta' filgħaxija u s-Sur Mark Grech daħal fis-6.10 ta' filgħaxija.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil kienu skużata.

Inqrat ittra ta' skuża mibgħuta mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway) fejn talab li jiġi skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mil-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Agius jiġi skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fit-tieni paragrafu ta' paġna 275 u minflok il-kliem 'Fis-6.10 ta' filgħaxija' jidħol il-kliem 'Fis-6.07 ta' filgħaxija'.

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-minuti tal-450 laqgħa jiġu unanimament approvati kif emendati.

Item3 - Punti li joħorġu mill-Minuti

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx sar xi ħaga mill-Kunsill dwar it-talba li kienet għamlet dwar *traffic management* bil-għan li jinstab rimedju għall-problema tat-trafffiku.

Fis-6.07 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienetx saret l-applikazzjoni dwar l-Iskema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi sabiex biex il-Kunsill iġib fondi għar-restawr tal-Mina ta' Hompesch. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

Is-Sur Jospeh Agius qal illi ċerti xogħlijiet li kien talab kienu għadhom ma sarux u talab lis-Sindku biex dawn isiru.

Item 4 - Qari tal-Minuti tas-Sotto-Kumitati

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto-Kumitati.

Inqraw il-minuti tal-66 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

Fuq proposta tas-Sur Joe Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li qabel *item 5* – Korrispondenza jiġi diskuss l-*item* Komunikazzjoni mis-Sindku u mill-Kunsillieri.

Item 10 - Komunikazzjoni mis-Sindku u mill-Kunsillieri

Is-Sur John J Pace qal illi waqt il-programm fuq Radju Ħompesch kien irċieva diversi lmenti fosthom li fi Triq il-Grazzji kien qed jinqala' l-konkos. Is-Sur Pace ġie wkoll mistoqsi meta ser tinħareġ ir-rivista Citta` Ħompesch kif ukoll jekk kienx sar rapport dwar iż-żjara li delegazzjoni mill-Kunsill għamlet f'Eschborn. Is-Sur Pace qal illi kien irċieva lmenti dwar rapporti li saru rigward ħsara f'servizz tal-ilma fi Sqaq tal-Għarar.

Fis-6.10 ta' filgħaxija is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Rupert Teuma dwar inċident li allegatament kellu bil-vettura tiegħu fi Triq San Leonard, fejn qed jintalab kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu li jammontaw għal €76.30. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabilità għal dan l-inċident u kopja ta' din il-korrispondenza tingħata lill-avukat tal-Kunsill biex tkun tista' tiġi mwieġba legalment.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kienet bgħatet lista ta' xogħol li jrid isir bħala parti mix-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq il-Ġnien. Il-Korporazzjoni stmat li l-Kunsill irid iħallas madwar €3,203.12 biex isir dan ix-xogħol. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ dawn il-fondi biex isir dan ix-xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill kwotazzjoni mibgħuta mit-Terracore sabiex jittieħed *sample* tal-konkos li ġie mogħti fi Triq il-Grazzji. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jittieħed *sample* sabiex jiġi deċiż jekk il-kwalità tal-konkos li ngħata fi Triq il-Grazzji huwiex ta' kwalità nferjuri.

Item 6 - Xogħol tal-Kunsill

Skeda tal-Pagamenti

Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' ħlasijiet mis-26 ta' Mejju 2015 sal-15 ta' Ġunju 2015 li kienet tammonta għal €43,538.67.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Mejju 2015 li kien jammonta għal €158.68.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jiddiskuti *Item* -9 Impjegati tal-Kunsill qabel *Item* -7 Aġġudikazzjoni Dwar il-Kuntratti.

Item 9 – Impjegati tal-Kunsill

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Uffiċjal Eżekuttiv is-Sur Kyle Civelli kien irriżenja b'effett mit-2 ta' Ġunju, 2015 waqt li kien għadu fuq perjodu ta' *probation*. Is-Sindku żied jgħid illi wara verifika li saret mal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ġie stabbilit li r-riżultati tal-*interviews* li kienu saru meta ġie ngaġġat is-Sur Civelli jibqgħu validi għall-perjodu ta' sena. Is-Sindku ppropona li l-persuna li ġiet klassifikata fit-tieni post mill-Bord tal-Intervisti, is-Sinjorina Charlene Saliba, tiġi ngaġġata bħala Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13). Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina Charlene Saliba tintalab biex tibda l-impjieg tagħha mal-Kunsill bħala Uffiċjal Eżekuttiv.

Is-Sindku qal illi l-istudenta tal-*MCAST* is-Sinjorina Nadine Craus kienet bdiet tagħti s-servizz tagħha mal-Kunsill.

Is-Sindku qal ukoll illi kien inbeda l-proċess sabiex jiġu mpjegati Uffiċjal Assistent Prinċipal (Skala 11) u Skrivan /a *back to back* (Skala 15).

Item 7 - Aġġudikazzjoni dwar il-kuntratti :

Kuntratt għal tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 5/2015)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill iż-żewġ offerti li ġew mitfugħa għas-servizz ta' tindif ta' toroq mhux urbani 5/2015. L-offerti mitfugħa kienu mingħand :

| **Kuntrattur** | **Dokumenti** | **Bid Bond** | **Prezz** |
|---|---|---|---|
| Vincenza Camilleri | Mimlija u ffirmati | €1,165 | €5,500 |
| WM Environmental Limited | Mimlija u ffirmati | €500 | €5,190 |

Il-kumpanija WM Environmental Limited li għamlet l-orħos offerta ssottometiet l-garanzija bankarja (*bid bond)* li tammonta għal €500 minflok €1,165 kif kien mitlub fil-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jikteb lid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali biex tingħata parir dwar jekk l-offerta mingħand WM Environmental Limited għandhiex titqies valida jew le u jekk tistax titlob garanzija bankarja skont l-ammont tal-offerta. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li f'każ li l-Kunsill jingħata risposta li l-offerta tal-kumpanija WM Environmental tista' titqies valida u ssir

garanzija bankarja ġdida skont l-ammont stipulat fl-offerta, il-Kunsill jaċċetta l-offerta tal-kumpanija WM Environmental għall-prezz ta' €5,190 peress illi kienet l-aktar offerta vantaġġuża iżda f'każ li d-Dipartiment jinforma l-Kunsill li l-offerta tal-kumpanija WM Environmental Limited għandha tiġi skwalifikata il-Kunsill jaċċetta l-offerta tas-Sinjura Vincenza Camilleri għall-prezz ta' €5,500.

Kuntratt għaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 4/2015)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ħames offerti li ġew mitfugħa għas-servizz ta' żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 4/2015). L-offerti mitfugħa kienu mingħand :

| **Kuntrattur** | **Dokumenti** | **Bid Bond** | **Prezz** |
|---|---|---|---|
| Sandro Caruana | Mimlija u ffirmati | €1,165 | €12,900 |

**Skeda :** *Attended* kif diskuss mal-Kunsill Lokali u jitnaddfu darbtejn kuljum.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Jeffrey Camilleri | Mimlija u ffirmati | €1,165 | €29,700 |

**Skeda:** *Attended* 9 siegħat kuljum u jitnaddfu darbtejn kuljum.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Roberta Mifsud | Mimlija u ffirmati | €1,165 | €13,900 |

**Skeda :** *Attended* kif stipulat fil-kuntratt.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Mario Farrugia | Mimlija u ffirmati | €1,165 | €14,800 |

**Skeda :** Mingħajr skeda.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Wilson Mifsud | Mimlija u ffirmati | €1,165 | €95,600 |

**Skeda** : *Attended* 12 –il siegħa kuljum bi tlett *attendants*.

Fis-6.55 ta' filgħaxija is-Sur John J Pace talab li jkun skużat.

Fuq proposta tas- Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel bi tminn voti favur u astenzjoni waħda li l-Kunsill ma jaċċetta l-ebda offerta u li tinħareġ sejħa għall-offerti b'urġenza peress illi l-offerta li kienet skont ir-rekwiżiti u kundizzjonijiet tal-kuntratt kien bi prezz għoli għall-Kunsill. Fl-opinjoni tal-Kunsill l-offerenti is-Sur Sandro Caruana u s-Sinjura Roberta Mifsud ma setgħux jagħtu servizz ta' tnax-il siegħa, bil-latrini jkunu *attended* il-ħin kollu bil-prezz li offrew, is-Sur Jeffrey Camilleri naqas milli jagħmel offerta għal servizz ta' *attended* għal tnax il-siegħa u s-Sur Mario Farrugia naqas milli jissotometti skeda tax-xogħol kif mitlub mill-Kunsill u l-ammont kien ukoll mitqies bħala baxx wisq biex jonora l-kuntratt.

Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li tingħata kopja b'xejn lill-offerenti.

Item 8 - Gabbani tal-Festa

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-gabbani ta' Triq tal-Labour jibqgħu fl-istess post u matul il-ġranet tal-festa Triq tal-Labour issir *one way*.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-gabbani tat-*toys* jarmaw f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi minflok fi Triq is-Santwarju maġenb il-knisja.

Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill joħroġ avviż u jiġi ppubblikat it-tibdil relatat mal-gabbani tal-festa fil-gazzetta tal-Gvern.

Item 10 - Komunikazzjoni mis-Sindku u mill-Kunsillieri

Fit-8.20 ta' filgħaxija s-Sindku talab li jkun skużat.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-attività tal-anzjani li saret fil-11 ta' Ġunju, 2015 kienet suċċess. Is-Sur Buttigieg qal illi fis-7 ta' Lulju kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani f'Għawdex. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi t-trasport minn Ħaż-Żabbar saċ-Ċirkewwa.

Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li ssir *road hump* fi Triq ix-Xgħajra qabel ma tidħol fi Triq is-Santwarju int u ġej mid-direzzjoni ta' Triq Wied il-Għajn.

Is-Sur Brian Spiteri talab sabiex matul l-eżerċizzju ta' *traffic managament* isir eżerċizzju sabiex jiġu identifikati l-postijiet f'Ħaż-Żabbar fejn għandhom isiru *road humps*.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex ssir pubbliċità għat-taħdidiet pubbliċi li ser jiġu organizzati fit-30 ta' Lulju, 2015 flimkien mal-*Primary Health Care* bit-temi *Breast Screening* u *Maintaining a Health Way*.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex id-delegazzjoni tal-Kunsill li marru Eschborn jagħtu rapport lill-Kunsill dwar id-diskussjonijiet li saru. Is-Sur Brian Spiteri qal illi kien ser jiġi ppreparat rapport u jiġi ppreżentat fil-Kunsill.
Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex il-Kunsill jikteb lill-kumpanija *Environmental Landscapes Consortium Ltd* dwar nuqqasijiet fiż-żamma u manutenzjoni tas-*soft areas.*

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi kien hemm nuqqas ta' tindif fit-toroq residenzjali speċjalment fil-*Housing Estate*.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi hemm bżonn ta' manutenzjoni fil-bitħa tal-Kunsill.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex jiġu mtawwla l-*wires* eżistenti tal-*microphones* li jintużaw waqt il-laqgħa tal-Kunsill jew inkella tinġieb stima sabiex jixtraw *wireless microphones.*

Is-Sur Joseph Agius qal illi kien attenda għal *study visit* li saret mil-LEAP f'Dublin fl-Irlanda. Is-Sur Agius qal illi din l-attività kienet informattiva. Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex is-Sur Joseph Agius jippreżenta rapport dwar din l-attività li kienet saret f'Dublin.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex jitwaħħlu *speed limits* fi Triq Villabate fil-viċinanzi tal-istabiliment *Chef Choice* u Gamblu *Confectionery* peress illi kien qed isir sewqan eċċessiv. Is-Sur Grech qal illi kienu inqalgħu l-*bollards* li kien hemm fi Triq Villabate u l-karozzi kienu qed jaqsmu *wrong way*.

Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li ssir talba lil Transport Malta sabiex issir *central strip* fi Triq il-Mina ta' Hompesch faċċata ta' Triq il-Fraxxnu.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.35 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-452 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju, 2015.

Marc Vella Bonnici
Sindku